MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 46/2003

**Avviz numru 360/2002DM**

**Agius Marble Works Limited**

**Vs**

**Farstone Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnax il-Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1712.34) oltre l-imghax legali mid-data tal-invoices relattivi rapprezentanti bilanc minn somma ikbar ghall-prezz ta' cangatura mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Ottubru 2002 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ cessjoni tas-sorte pprezentata mis-socjeta attrici fis-27 ta’ Gunju 2003 fejn l-istess atturi zammew ferm ukoll il-kap tal-ispejjez.

Billi l-konvenuti naqsu li jidhru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni, l-Qorti issib illi t-talba atturi ghall-ispejjez tal-kawza tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------